SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

4 ta' Settembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi — Regolament (KE) Nru 338/97 — Artikolu 11 — Nullità ta' permess ta' importazzjoni limitata għal kampjuni ta' annimali li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità"

Fil-Kawża C-532/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 67 TFUE, imressqa minn Fővárosi közigazgatási és munkaügyi bíróság (L-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Ottubru 2013, fil-proċedura

Sofia Zoo

vs

Országos Környezetvédelmi, Természetvédelmi és Vízügyi Főfelügyelőség,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, K. Lenaerts (Relatur), Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, J. L. da Cruz Vilaça, J.-C. Bonichot u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Ungeriż, minn K. Szíjjártó kif ukoll minn M. Fehér u G. Szima, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn J. Van Holm u T. Materne, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Mifsud-Bonnici u A. Sipos, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(2)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU 1997, L 61, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Sofia Zoo (zoo de Sofia, Il-Bulgarija) u l-Országos Környezetvédelmi, Természetvédelmi és Vízügyi Főfelügyelőség (ispettorat prinċipali għall-protezzjoni tal-ambjent, għall-protezzjoni tan-natura u għall-ġestjoni tal-ilma) Ungeriż (iktar 'il quddiem l-"ispettorat prinċipali"), dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tordna l-konfiska ta' 17-il kampjun ta' annimali selvaġġi li joriġinaw mit-Tanżanija.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi f'riskju ta' estinzjoni

3 Il-Konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi f'riskju ta' estinzjoni, iffirmata f'Washington fit-3 ta' Marzu 1973 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 993, Nru I-14537, iktar 'il quddiem is-"CITES"), għandha l-għan li tiżgura li l-kummerċ internazzjonali ta' speċi elenkati fl-annessi tagħha, kif ukoll il-partijiet u derivati tagħhom, ma jippreġudikax il-konservazzjoni tal-biodiversità, u jkun ibbażat fuq l-użu sostenibbli ta' speċi selvaġġi.

4 Din il-konvenzjoni ġiet implimentata fl-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 1984 permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82, tat-3 ta' Diċembru 1982, dwar l-implementazzjoni fil-Komunità tal-konvenzjoni fuq il-kummerċ internazzjonali fi speċi ta' fawna u flora ferjali fil-periklu ta' estinsjoni (ĠU L 384, p. 1). Dan ir-regolament ġie mħassar bir-Regolament Nru 338/97 li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tiegħu, għandu japplika f'konformità mal-għanijiet, il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tas-CITES.

5 L-Artikolu VI(5) tas-CITES jipprovdi:

"Permess jew ċertifikat separat għandu jkun meħtieġ għal kull kunsinna ta' kampjuni."

Id-dritt tal-Unjoni

6 Il-premessi 5 u 17 tar-Regolament Nru 338/97 huma fformulati kif ġej:

"(5) Billi l-implimentazjoni ta' dan ir-Regolament titlob li jiġu applikati kondizzjonijiet komuni għall-ħruġ, użu u preżentazzjoni ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni [fl-Unjoni] u ma' l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni mill-[Unjoni] tal-kampjuni ta' speċi koperti b'dan ir-Regolament; billi huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġarr ta' kampjuni [fl-Unjoni];

[...]

(17) Billi, sabiex tkun assigurata konformità ma dan ir-Regolament, huwa importanti li Stati Membri jimponu sanzjonijiet dwar xi ksur b'mod li jkun kemm suffiċjenti u kemm xieraq għan-natura u l-gravità tal-ksur"

7 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi:

"1. L-introduzzjoni fil-Komunità ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju.

Il-permess ta' importazzjoni jista jkun maħruġ biss skond ir-restrizzjonijiet stabbiliti skond il-paragrafu 6 u meta dawn il-kondizzjonijiet ikunu ġew imharsa:

[...]

b) i) l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li l-kampjuni nkisbu skond il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-ispeċi konċernati li, fil-każ ta' importazzjoni minn pajjiż terz ta' kampjun ta' speċi elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni, għandha tkun permess ta' esportazzjoni jew ri-esportazzjoni, jew kopja tagħhom, maħruġ skond il-Konvenzjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur jew ri-esportatur;

[...]

[...]

e) l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta, wara konsultazzjoni ma' l-awtorità xjentifika kompetenti, li ma jkunx hemm fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni ta' l-ispeċi li jkunu opposti għall-ħruġ tal-permess ta' importazzjoni;

u

f) fil-każ ta' introduzzjoni mill-baħar, l-awtorità amministrattiva tkun sodisfatta li kull kampjun ħaj ikun imħejji u mibgħut bil-bahar b'mod li jnaqqaslu kemm jista' jkun ir-riskju ta' hsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin.

2. L-introduzzjoni [fl-Unjoni] ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju.

Il-permess ta' importazzjoni jista jinhareġ biss skond ir-restrizzjonijiet stabbiliti skond il-paragrafu 6 u meta:

a) l-awtorità xjentifika kompetenti, wara li tkun eżaminat id-data disponibbli u kkkunsidrat kull opinjoni mill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, tkun ta' l-opinjoni li l-introduzzjoni fil-Komunità ma jkollhiex effetti ħżiena fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi jew dwar il-medda territorjali okkupata mill-popolazzjoni relevanti ta' l-ispeċi, waqt li jkunu meqjusa l-livelli kummerċjali tal-preżent u tal-ġejjieni. Din l-opinjoni għandha tkun valida għal importazzjonijiet sussegwenti sakemm l-aspetti msemmija hawn fuq ma jkunux tbiddlu sinifikament;

b) l-applikant jagħti evidenza dokumentata li l-post mahsub biex jinżamm fih il-kampjun ħaj fil-post destinatarju jkun mgħammar adegwatament biex ikun ikkonservat u mhares kif għandu jkun;

(ċ) il-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(b)(i), (e) u (f) ikunu ġew imharsa.

[...]

6. B'konsultazzjoni mal-pajjiżi ta' l-oriġini konċernati, skond il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 18 u filwaqt li tkun ikkunsidrata kull opinjoni mill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, il-Kummissjoni [Ewropea] tista' tistabbilixxi restrizzjonijiet ġenerali, jew restrizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti pajjiżi ta' oriġini, dwar l-introduzzjoni [fl-Unjoni]:

a) fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a)(i) jew (e), ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A;

b) fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(e) jew paragrafu 2(a), ta' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness B; u

ċ) ta' kampjuni ħajjin ta' speċi elenkati fl-Anness B li jkollhom rata għolja ta' mortalità waqt il-ġarr bil-bahar jew li dwarhom ikun ġie stabbilit li dawn aktarx ma jkampawx fil-magħluq għal proporzjon konsiderevoli tat-tul tal-ħajja potenzjali tagħhom;

jew

d) ta' kampjuni ħajjin ta' speċi li dwarhom ikun ġie stabbilit li l-introduzzjoni tagħhom fl-ambjent naturali tal-[Unjoni] toħloq theddida ekoloġika għall-ispeċi ta' fawna u flora salvaġġi li jkunu indiġeni għall-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha fuq bażi ta' kull tlett xhur tippubblika lista ta' restrizzjonijiet bħal dawn, jekk ikun hemm, fil-*Gurnal Uffiċjali tal-[Unjoni Ewropea*].

[...]"

8 L-Artikolu 9(4) u (5) tar-regolament imsemmi huwa fformulat kif ġej:

"4. Meta kampjun ħaj ta' speċi elenkata fl-Anness B jiġi mċaqlaq [fl-Unjoni], id-detentur tal-kampjun jista jitilqu biss wara li jassigura li min ser jirċevih ikun infurmat adegwatament bl-akkomodazzjoni, tagħmir u prattiċi meħtieġa biex ikun żgurat li l-kampjun ikun imħares kif xieraq.

5. Meta xi kampjuni ħajjin jinġarru lejn, minn jew fil-Komunità jew ikunu miżmuma għal xi perjodu ta' transitu jew trasbord, dawn għandhom ikunu tħejjew, imċaqalqa u mogħtija lura b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' ħsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin u, fil-każ ta' annimali, skond [id-dritt tal-Unjoni] dwar il-protezzjoni ta' annimali waqt it-trasport."

9 L-Artikolu 11(1) u (2) tal-istess regolament, intitolat "Validità u kondizzjonijiet speċjali għal permessi u ċertifikati", jipprevedi:

"1. Bla ħsara għal miżuri aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ, permessi u ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond dan ir-Regolament għandhom ikunu validi [fl-Unjoni] kollha.

2.

a) Madankollu, permess jew ċertifikat bħal dan, kif ukoll xi permess jew ċertifikat maħruġ fuq il-bażi tiegħu, għandu jkun meqjus li ma jiswiex jekk l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet il-permess jew iċ-ċertifikat, tistabbilixxi li dan kien maħruġ fuq il-premessa falza li l-kondizzjonijiet għal-ħruġ tiegħu kienu ġew imharsa.

b) Kampjuni li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru u koperti b'dokumenti bħal dawn għandom jiġu maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u jistgħu jkunu kkonfiskati."

10 Skond l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 338/97:

"Meta kampjun ħaj ta' speċi elenkata fl-Anness B jew C jasal fil-post ta' l-introduzzjoni [fl-Unjoni] mingħajr il-permess jew ċertifikat validu kif mehtieġ, il-kampjun għandu jinqabad u jista jkun ikkonfiskat jew, jekk il-kunsinnatarju jirrifjuta li jaċċetta l-kampjun, l-awtortajiet kompetenti ta' l-Istat Membru responsabbli għall-post ta' l-introduzzjoni jista', jekk ikun il-każ, jirrifjuta li jaċċetta l-konsenja u jobbliga lil min iġorr biex jieħu lura l-kampjun lejn il-post mnejn telqu."

Id-dritt Ungeriż

11 L-Artikolu 20(1), (2) u (4)(a) u (b) tad-Digriet tal-Gvern 292/2008 (XII.10) dwar ċerti regoli ta' implimentazzjoni ta' atti ġuridiċi internazzjonali u tal-Komunità Ewropea li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali ta' speċi ta' fawna u ta' flora selvaġġi f'riskju ta' estinzjoni (iktar 'il quddiem id-"digriet tal-Gvern"), jipprovdi:

"1. Jekk kampjun ta' speċi inkluż fl-Annessi A sa D tar-[Regolament Nru 338/97] jinżamm, jiġi ttrasportat jew ikkummerċjalizzat mingħajr il-permess jew l-awtorizzazzjoni neċessarji jew jekk dan isir bi ksur tad-dispożizzjonijiet regolatorji jew amministrattivi marbuta mat-trasport ta' kampjuni, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 3(3) minbarra l-awtorità msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha żżomm l-imsemmi kampjun u tirrediġi proċess verbal, fil-kuntest ta' miżuri fuq il-post, u għandha tadotta l-miżuri imposti mid-dispożizzjonijiet regolatorji u tinforma fi tmienja u erbgħin siegħa lill-awtorità prevista mill-Artikolu 4(1) kif ukoll lill-awtorità ta' amministazzjoni. L-awtorità msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha tadotta, bi qbil mal-awtorità ta' amministrazzjoni, miżuri bil-għan li jiġu ppostajti l-kampjuni ħajjin miżmuma.

2. L-awtorità prevista mill-Artikolu 4(1), wara kontroll imwettaq minnha jew wara ż-żamma mwettqa skont il-paragrafu 1, għandha taqbad il-kampjun li fir-rigward tiegħu d-detentur tal-kampjun ma jkunx stabbilixxa l-legalità tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni, tal-esportazzjoni mill-ġdid jew tad-detenzjoni fil-kuntest ta' kontroll, u għandha tistieden lill-persuna kkonċernata sabiex tipproduċi, f'terminu stabbilit minnha, d-dokumenti li jagħtu prova tal-oriġini tal-kampjun.

[...]

4. L-awtorità msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha:

a) tikkonfiska l-kampjun li fir-rigward tiegħu ma jkunux ġew prodotti d-dokumenti li jagħtu prova tal-oriġini fit-termini stabbiliti,

b) tikkonfiska l-kampjun li d-detenzjoni tiegħu hija illegali.

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Fis-17 ta' Jannar 2011, twettaq kontroll fil-fruntiera, waqt id-dħul tagħha fl-Ungerija, fuq il-persuna ta' ċittadin Serb li kien qiegħed jittrasporta, fil-vettura li kien qiegħed isuq, kunsinna ta' 17-il kampjun ta' annimal selvaġġ li joriġnaw mit-Tanżanija, senjatement żewġ ajkli ffaxxjati (hieraaetus spilogaster), erba' ajkli ta' Verreaux (aquila verreauxii), żewġ ajkli marzjali (polemaetus bellicosus), bateleur tas-savanni (terathopius ecaudatus), tliet ajkli tal-kuruna (stephanoaetus coronatus), żewġ lappet-face vultures (torgos tracheliotus) u tliet vultures Afrikani (gyps africanus). Minbarra dawn, il-persuna kkontrollata kienet qiegħda tittrasporta wkoll għaxar pied crows jew white-bellied crows (corvus albus) u għaxar white-necked ravens (corvus albicollis). Bħala ġustifikazzjoni għall-provenjenza

tal-imsemmija annimali, din il-persuna pproduċiet kopja ta' permess għall-importazzjoni tas-CITES maħruġ mill-awtoritajiet Bulgari. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dokumenti ta' appoġġ kienu jindikaw li dawn il-kampjuni ta' annimali kienu ġew ittrasportati mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn il-Bulgarija sabiex jaslu Sofia Zoo, għal finijiet ta' kwarantina, minn fejn dawn kellhom jirritornaw lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, billi jgħaddu mill-Ungerija.

13 L-awtorità għall-protezzjoni tal-ambjent żammet il-kunsinna u bagħtet dawn id-dokumenti kollha lill-Vidékfejlesztési Minisztérium (Ministeru tal-iżvilupp rurali), bħala l-awtorità kompetenti fis-sens tal-konvenzjoni CITES u tar-Regolament Nru 338/97, li eżamina l-legalità tal-importazzjoni tal-annimali selvaġġi. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-imsemmi ministeru daħal f'kollegament mal-Kummissjoni u mal-awtorità kompetenti Bulgara.

14 Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kampjuni ta' annimali inkwistjoni kellhom jiġu kkonfiskati, peress li l-grupp ta' reviżjoni xjentifika (iktar 'il quddiem il-"GRX") iddeċieda, minn naħa, fit-30 ta' Ġunju 2009, favur is-sospensjoni tal-importazzjonijiet fir-rigward tal-ajkla marzjali u tal-bateleur tas-savanni, u, min-naħa l-oħra, fil-11 ta' Settembru 2009, li kien hemm bżonn ta' qbil minn qabel miegħu fir-rigward tal-lappet-face vultures u l-ajkla tal-kuruna. Madankollu peress li l-awtorità Bulgara kompetenti ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn id-deċiżjonijiet tal-GRX, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-permess li din l-awtorità kienet tat lis-Sofia zoo kellu jiġi kkunsidrat bħala null.

15 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2011, il-ministeru tal-iżvilupp rurali ddeċieda, fid-dawl ta' dak li ntqal, li jaqbad il-kunsinna — bl-eċċezzjoni ta' għaxar white-bellied crows u ta' għaxar white-necked ravens li ma kinux jaqgħu la taħt is-CITES u lanqas taħt ir-Regolament Nru 338/97 — skont l-Artikolu 20(2) tad-Digriet tal-Gvern, u stieden lis-Sofia zoo sabiex jipproduċi d-dokumenti li jagħtu prova tal-legalità tal-importazzjoni, tad-detenzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' kampjuni ta' annimali kkonċernati mid-deċiżjoni tiegħu.

16 Peress li s-Sofia zoo ma pproduċiex fit-terminu stabbilit, id-dokumenti mitluba, il-ministeru tal-iżvilupp rurali, permezz tad-deċiżjoni tat-28 ta' April 2011, ikkonfiska is-17-il kampjun ta' annimali li joriġinaw mit-Tanżanija, skont l-Artikolu 20(4) tad-Digriet tal-Gvern, u poġġihom f'żus Ungeriżi.

17 Is-Sofia zoo ppreżenta quddiem il-Fővárosi közigazgatási és munkaügyi bíróság (qorti għal kawżi amministrattivi u tax-xogħol ta' Budapest) rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni ta' konfiska. Dan ir-rikors huwa dirett kontra l-ispettorat prinċipali, suċċessur fid-dritt tal-ministeru tal-iżvilupp rurali.

18 B'mod iktar preċiż, din it-talba tas-Sofia zoo hija intiża għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni ta' konfiska u sabiex l-ispettorat prinċipali jiġi ordnat jorganizza proċedura ġdida, fejn l-annullament sħiħ intalab b'mod prinċipali filwaqt li l-annullament parzjali intalab b'mod sussidjarju. It-talba tas-Sofia zoo tinkludi, barra minn hekk, l-eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' qbid. Fil-fatt, skont dan iż-żu, in-nullità tal-permess ta' importazzjoni setgħet tikkonċerna biss it-tmien kampjuni ta' annimali indirizzati mir-raġuni għal nullità ta' dan tal-aħħar, jiġifieri ż-żewġ ajkli marzjali, il-bateleur tas-savanni, iż-żewġ lappet-face vultures u t-tliet ajkli tal-kuruna, b'tali mod li l-qbid u l-konfiska setgħu jkopru biss dawn l-annimali, bl-esklużjoni tad-disa' kampjuni ta' speċi l-oħra li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 338/97, jiġifieri ż-żewġ ajkli ffaxxjati, l-erba' ajkli ta' Verreaux u t-tliet vultures Afrikani.

19 Min-naħa tiegħu, l-ispettorat prinċipali talab iċ-ċaħda ta' dan ir-rikors għal annullament. Fl-opinjoni tiegħu, kull kampjun ta' annimal selvaġġ li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 338/97 — u mhux biss dawk li huma kkonċernati mir-raġuni għal nullità tal-permezz tal-importazzjoni — għandu jiġi maqbud u jista' jiġi kkonfiskat, peress li dan ir-regolament ma jipprovdix għal sistema ta' nullità parzjali ta' permess. Barra minn hekk, l-ispettorat prinċipali jsostni li r-riskju ta' dannu għas-saħħa jiġġustifika wkoll li l-awtorizzazzjonijiet jiġu ġestiti b'mod uniformi u li f'każ ta' nullità, tkun xi tkun il-kawża, kull kampjun ta' annimal li jkun jinsab fuq dawn l-awtorizzazzjonijiet għandu jinqabad u jiġi kkonfiskat.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-permessi u ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 11(2)(a) tar-[Regolament Nru 338/97] għandhom jitqiesu bħala nulli biss fir-rigward tal-kampjuni effettivament affettwati mir-raġuni għal nullità, jew dawn għandhom ukoll jitqiesu bħala nulli fir-rigward tal-kampjuni l-oħra koperti mill-permessi jew miċ-ċertifikati?

2) Il-kampjuni msemmija fl-Artikolu 11(2)(b) tar-[Regolament Nru 338/97] koperti mill-permessi jew miċ-ċertifikati kkunsidrati bħala nulli skont l-Artikolu 11(2)(a) għandhom kollha jiġu maqbuda u jistgħu kollha jiġu kkonfiskati jew għandhom jiġu maqbuda u jistgħu jiġu kkonfiskati biss dawk li huma effettivament affettwati mir-raġuni għal nullità?"

Fuq id-domandi preliminari

21 Permezz tad-domandi preliminari tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 11(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 338/97 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-permess ta' importazzjoni li ma josservax il-kundizzjonijiet ta' dan ir-regolament, għandu jiġi kkunsidrat bħala null unikament sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità ta' dan il-permess ta' importazzjoni, peress li dawn il-kampjuni huma għaldaqstant l-uniċi li għandhom jkunu suġġetti għal qbid, u possibbilment għal konfiska, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dawn ikunu jinsabu.

22 Skont l-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament Nru 338/97 "permess jew ċertifikat bħal dan, kif ukoll xi permess jew ċertifikat maħruġ fuq il-bażi tiegħu, għandu jkun meqjus li ma jiswiex jekk l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet il-permess jew iċ-ċertifikat, tistabbilixxi li dan kien maħruġ fuq il-premessa falza li l-kondizzjonijiet għal-ħruġ tiegħu kienu ġew imharsa". Il-paragrafu 2(b) tal-imsemmi artikolu jippreċiża li "Kampjuni li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru u koperti b'dokumenti bħal dawn għandom jiġu maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u jistgħu jkunu kkonfiskati".

23 Għaldaqstant jeħtieġ li l-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament Nru 338/97 jiġi interpretat fid-dawl tal-għanijiet segwiti minn dan ir-regolament u tal-kuntest li tinsab fih din id-dispożizzjoni.

24 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 338/97, jeħtieġ li jiġi nnotat li s-17-il kampjun ta' annimali selvaġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinsabu fl-Anness B ta' dan ir-regolament. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament, "L-introduzzjoni [fl-Unjoni] ta' kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness B għandha tkun suġġetta għat-twettiq tal-verifiki kollha meħtieġa u l-preżentazzjoni minn qabel, fl-uffiċju doganali tal-fruntiera fil-post ta' l-introduzzjoni, ta' permess ta' importazzjoni maħruġ mill-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru destinatarju".

25 Għalhekk, jirriżulta mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni li r-Regolament Nru 338/97 tippermetti l-ħruġ ta' permess ta' importazzjoni wieħed għal diversi kampjuni ta' speċi differenti inklużi fl-Anness B ta' dan ir-regolament u li jifformaw parti mill-istess kunsinna. Tali qari tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament huwa barra minn hekk konformi mal-Artikolu VI(5) tas-CITES li jipprevedi li "Permess jew ċertifikat separat għandu jkun meħtieġ għal kull kunsinna ta' kampjuni".

26 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 338/97 jipprovdi li tali permess ta' importazzjoni jista' jinħareġ biss b'osservanza tar-restrizzjonijiet imposti skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti mill-paragrafu 2(a) sa (c) tal-istess artikolu.

27 Skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 338/97, meta, fid-dawl tal-livell attwali jew previst ta' kummerċ ta' speċi, l-introduzzjoni tagħha fl-Unjoni tkun ta' ħsara għall-istat ta' konservazzjoni ta' din tal-aħħar jew għall-entità tat-territorju okkupat mill-popolazzjoni kkonċernata tal-ispeċi, jew meta fattur ieħor marbut mal-konservazzjoni tal-ispeċi jipprekludi l-ħruġ ta' permess ta' importazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi restrizzjonijiet, kemm ġenerali kif ukoll għal ċerti pajjiżi tal-oriġini, fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ħajjin ta' speċi inklużi fl-Anness B ta' dan ir-regolament li jippreżentaw rata għolja ta' mortalità matul it-trasport jew li fir-rigward tagħhom ikun ġie stabbilit ma hemm probabbiltà baxxa ħafna li dawn jissoppravvivu f'post mhux naturali matul parti sostanzjali mit-tul tal-ħajja potenzjali tagħhom.

28 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2)(a) sa (ċ) tar-Regolament Nru 338/97, il-ħruġ ta' permess ta' importazzjoni huwa ssubordinat, fl-ewwel lok, għall-kundizzjoni li l-awtorità xjentifika kompetenti, wara eżami tad-data disponibbli u wara li tkun qieset kull opinjoni tal-GRX, tkun tqis li l-introduzzjoni fl-Unjoni ma tkunx ta' ħsara għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi jew għall-entità tat-territorju okkupat mill-populazzjoni kkonċernata tal-ispeċi, b'kont meħud tal-livell attwali jew previst ta' kummerċ. Fit-tieni lok, l-applikant għandu jipproduċi prova dokumentata li l-post maħsub biex jinżamm fih il-kampjun ħaj fil-post destinatarju jkun mgħammar adegwatament biex ikun ikkonservat u mħares b'akkuratezza. Fit-tielet lok, għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 4(1)(b)(i), e) u (f) tal-imsemmi regolament.

29 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-ħruġ ta' permess ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' speċi differenti inklużi fl-Anness B tar-Regolament Nru 338/97 ma jirriżultax minn evalwazzjoni globali tal-kampjuni kollha li jifformaw parti mill-kunsinna inkwistjoni, iżda minn eżami individwali u approfondit li jirrigwarda s-sitwazzjoni ta' kull wieħed mill-kampjuni kkonċernati.

30 Fi kliem ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-kampjuni kkonċernati għandha teżamina jekk il-permess ta' importazzjoni inkwistjoni huwiex validu għal kull wieħed mill-imsemmija kampjuni, u l-evalwazzjoni tal-imsemmija awtorità marbuta ma' kampjun ta' annimal partikolari ma għandhiex neċessarjament tinfluwenza l-evalwazzjoni tagħha fir-rigward ta' kampjun ieħor.

31 Għalhekk, iċ-ċirkustanza li l-permess ta' importazzjoni huwa null sa fejn dan jikkonċerna il-kampjuni ta' annimali li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-għoti li jinsabu fl-Artikolu 4(2) u 6 tar-Regolament Nru 338/97, ma tistax tikkontesta l-validità ta' permess sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni li effettivament jissodisfaw l-imsemmija kundizzjonijiet.

32 Għaldaqstant, il-parti tal-permess ta' importazzjoni marbuta mal-kampjuni kkonċernati mir-raġuni għal nullità għandha titqies bħala separabbli minn partijiet oħra tal-imsemmi permess li jibqgħu validi.

33 Barra minn hekk, kif tenfasizza l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-esklużjoni ta' kull nullità parzjali ta' permess ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' speċi differenti inklużi fl-Anness B tar-Regolament Nru 338/97 twassal għal sistema arbitrarja li fiha sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tiġix ittrattata bl-istess mod bħal sitwazzjoni li fiha t-trasport ta' 17-il kampjun differenti jkun kopert minn 17-il dokument differenti.

34 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 338/97, jeħtieġ li jitfakkar li s-sistema ta' protezzjoni stabbilita għall-kampjuni ta' speċi inklużi fl-Annessi A u B tal-imsemmi regolament għandha l-għan li tassigura l-protezzjoni l-iktar sħiħa possibbli tal-ispeċi ta' fawna u flora selvaġġi bil-kontroll tal-kummerċ tagħhom, b'osservanza tal-għanijiet, tal-prinċipji u tad-dispożizzjonijiet tas-CITES (ara s-sentenza Rubach, C-344/08, EU:C:2009:482, punt 24).

35 Issa, it-twettiq tal-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 338/97 ma jiġux ippreġudikati minn interpretazzjoni tal-Artikolu 11(2)(a) ta' dan tal-aħħar, li, meta permess ta' importazzjoni ma jkunx josserva l-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament, dan il-permess għandu jiġi kkunsidrat bħala null unikament sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni ta' annimali li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità tal-imsemmi permess.

36 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat, minn naħa, li, fir-rigward tal-kampjuni ta' annimali li fir-rigward tagħhom teżisti effettivament raġuni għal nullità tal-permess ta' importazzjoni abbażi tal-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament Nru 338/97, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-imsemmija kampjuni hija obbligata, skont il-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, li tipproteġi dawn l-annimali, billi tordna l-qbid u possibbilment il-konfiska tagħhom.

37 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kampjuni ta' annimali li ma humiex ikkonċernati mir-raġuni għal nullità tal-permess ta' importazzjoni, ir-regolament Nru 338/97 jipprevedi miżuri maħsuba sabiex dawn jiġu protetti meta jiġu ttrasferiti fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament jipprevedi li "Meta kampjun ħaj ta' speċi elenkata fl-Anness B jiġi mċaqlaq [fl-Unjoni], id-detentur tal-kampjun jista jitilqu biss wara li jassigura li min ser jirċevih ikun infurmat adegwatament bl-akkomodazzjoni, tagħmir u prattiċi meħtieġa biex ikun żgurat li l-kampjun ikun imħares kif xieraq". Barra minn hekk, l-Artikolu 9(5) tal-imsemmi regolament jipprovdi li tali kampjuni ta' annimali "għandhom ikunu tħejjew, imċaqalqa u mogħtija lura b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' ħsara, dannu għas-saħħa jew trattament ħażin u, fil-każ ta' annimali, skond [id-dritt tal-Unjoni] dwar il-protezzjoni ta' annimali waqt it-trasport".

38 Konsegwentement, kemm mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 338/97 kif ukoll mill-għanijiet segwiti minnu, jirriżulta li hemm lok li l-Artikolu 11(2)(a) ta' dan ir-regolament jiġi interpretat fis-sens li l-permess ta' importazzjoni li ma josservax il-kundizzjonijiet tal-imsemmi regolament għandu jiġu kkunsidrat bħala null unikament sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità ta' dan il-permess ta' importazzjoni.

39 Dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-Artikolu 11(2)(b) tar-Regolament Nru 338/97, peress li din l-aħħar imsemmija dispożizzjoni tapplika unikament għal kampjuni ta' annimali koperti minn dokumenti msemmija mill-paragrafu 2(a) ta' dan l-artikolu.

40 Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-kampjuni kkonċernati ma għandhom jaqbdu u jistgħu jikkonfiskaw biss il-kampjuni li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità tal-permess ta' importazzjoni.

41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ li tingħata risposta għad-domandi preliminari magħmula li l-Artikolu 11(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 338/97 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-permess ta' importazzjoni li ma josservax il-kundizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu jiġu kkunsidrat bħala null unikament sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità ta' dan il-permess ta' importazzjoni, peress li dawn il-kampjuni huma għaldaqstant l-uniċi li għandhom jkunu suġġetti għal qbid, u possibbilment għal konfiska, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dawn ikunu jinsabu.

Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 11(2)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-permess ta' importazzjoni li ma josservax il-kundizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu jiġu kkunsidrat bħala null unikament sa fejn dan jikkonċerna l-kampjuni li huma effettivament ikkonċernati mir-raġuni għal nullità ta' dan il-permess ta' importazzjoni, peress li dawn il-kampjuni huma għaldaqstant l-uniċi li għandhom jkunu suġġetti għal qbid, u possibbilment għal konfiska, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dawn ikunu jinsabu.

Firem